KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4/2023

18 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-12:00 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

Is-Sindku qal illi l-laqgħa bdiet 20 minuta tard minħabba problema teknika li xorta ma ġietx solvuta u għal din id-darba mhux ser tkun qed tixxandar live.

4.1 **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

4.1. Ma kellniex.

4.2 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

4.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Chirstopher Bruno u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas l-minuti ġew approvati unanimament.

**<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

4.3 **A. Punt 3.7.A.1 Grif ta' bankina Triq Anglu Agius**

Is-Seg Ezek qalet illi ghadha qed iġġib il-kwotazzjonijiet biex ikun jista jsir

dan ix-xoghol

4.4 **<u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku:</u>**

**Festa Helu** – Is-Sindku qal illi din l-attivita' kellha tiġi posposta minħabba l-maltemp. Din ma kinitx deċiżjoni faċli imma wieħed ma kellux option. Din l-attivita' ġiet posposta għal Ħadd ta' wara. Kienet proġettata li tkun ukoll attività ikbar mis-sena li għaddiet minħabba n-natura ta' numru ta' stalls li żdiedu u anke bħal attivitajiet oħra li wieħed ser isib. Is-Sindku skuża ruħu f'dawn iċ-ċirkustanzi li ma kienux ovvjament f'idu.

**Fanali Rinella-** Tibdil ta' fanali tal-Bajja ta Rinella. Inbidlu kollha biex il-lampi li tweħħlu ikun aktar effiċjenti juru aktar u anke jaħlu inqas minn natura minnhom infushom. Is- Sindku saħaq illi fil-preżent isir xi jsir il-Bajja għandha bżonn riġenerazzjoni sħiħa minħabba n-natura tal-Bajja u l-istat li tinsab fiha.

Is-Sindku semma illi allaħares bħala kunsill ma nagħmlux il-parti tagħna stess saħansitra hu stess kiteb il-Ministru kkonċernat fuq l-istat tal-Bajja biex kulħadd ikun jaf is-sitwazzjoni li bħala kunsill qegħedin ninsabu fiha. Is-Sindku qal illi jifhem ir-residenti u forsi ċerti kummenti anke sarkastiċi fuq din l-istess bajja. Jirringrazzja dejjem id-direttorati li jagħtuni għajnuna l-ħin kollu sena sħiħa biex din il-bajja tibqa stabbli. Din il-bajja għandha bżonn investiment kbir biex issir riġenerazzjoni sħiħa taż-żona u mhux tilapazza b'xi xogħolijiet biex ngħattu dak kollu li hemm ħażin.

**Update ix-Xatt** – Ix-xogħol fix-Xatt avvanza għal parti oħra li daħal aktar lejn il-Pjazza Misraħ Arċisqof Gonzi b'konsegwenza li ingħalqu toroq orterjuri ħabba x-xogħolijiet stess kif ukoll ħabba saħħa u sigurtà. Wieħed irid ikun konxju mill-fatt illi dawn ix-xogħolijiet iġibu magħhom konsegwenzi oħra bħal ngħidu aħna bħalissa wieħed jista' jara u jesperjenza aktar traffiku lejn naħa ta' Santa Liberata temporanjament. Is-Sindku qal illi qiegħed b'kuntatt b'mod kontinwu mal-Periti u kuntratturi li qed jaħdmu f'dan il-proġett biex dejjem il kunsill ikollu ħjiel ta' dak li qed jiġri u jkun jista' jwieġeb il-dawk il-persuni li jkollhom diffikultà. Is-Sindku qal illi fil-futur ser tiġi ma' wiċċna l-problema ta' meta Santa Filumena ser tingħalaq u r-residenti t'hemmhekk wieħed irid jiddiskuti minn fejn ser joħorġu u l-uniku option wieħed irid jitla' minn Rinella street 'One Way'. Dan ifisser illi meta x-xogħol ser javvanza għal dik in-naħa wieħed irid jara u jiddiskuti x'inhu l-aħjar biex dejjem jitnaqqas l-inkonvenjent lejn ir-resident.

Is-Sindku semma wkoll id-diffikultà li tirrigwarda l-armar tal-festa li dan is-soltu jibda jintrema f'Mejju għalhekk wieħed ukoll irid jiddiskuti way forward biex ukoll il-kunsill ikun ta' leħen għal każini tal-lokal.

**Update Fondi tal-kunsill**

Is-Sindku għarraf il-kunsill dwar laqgħa li kellu mad-dipartiment mal-AKL, id-Direttur Ġenerali u anke Diretturi oħrajn fejn flimkien mas-Seg Eżek kif ukoll mal-'contracts manager' fehmna s-sitwazzjoni tal-kunsill tagħna b'rapport formali li ħejjejna wkoll qabel ma' saret din il-laqgħa. Is-Sindku għarraf il-kunsill illi din kienet laqgħa tajba fejn ukoll dawn il-partijiet f'wiċċna saħħqu li l-isforzi tagħna jidhru fiċ-ċar però wieħed jista' jara fiċ-ċar il-ġlieda kontinwa finanzjarja li l-Kunsill tal-Kalkara għaddej minnha. Is-Sindku wkoll qal illi t-tranche ta' allocation ta' Ġunju ser ikun qed jingħatalna qabel iż-żmien kif suppost biex il-problema ta' 'cash flow' ma tkomplix takkumula. Tajjeb li wieħed isemmi illi din hija biss soluzzjoni temporanja.

Tibdil fl-ismijiet tat-toroq – It-Tieni fażi- Fil-11 ta' April ġew ippublikati t-tieni fażi tat-tibdil ta' ismijiet tat-toroq hekk kif diġà ġiet diskussa din il-kwistjoni f'seduti preċedenti. Is-Sindku qal illi ser tkun qed isir tnedija uffiċjali bħal meta sar fl-ewwel fażi ta' tibdil kif ukoll ħa jintbgħatu ittri ta' tgħarif f'kull residenza eċċetra eċċetra biex wieħed ikollu konferma ta' kif inbidel l-indirizz antik tiegħu għal dak ġdid. Is-Sindku saħaq illi wieħed għandu jagħmilha ċara mar-residenti illi dan l-eżerċizju qed isir purament b'kontinwazzjoni mad-'door numbering unit' u biex nippreservaw dak li jagħti identità lill-lokal stess.

## 4.5 Korrespondenza:

.

Ma kienx hemm

## 4.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;

### 1 Speranza Chircop

- Ħarġa Kulturali - Organizzata għal festa tal-'Mothers Day' fejn aktar dettalji ser ikunu qed jitħabbru fil-ġranet li ġejjin.

- Iffirmar ta' MOU rigward Dimensi – Is-Sur Damato f'laqgħa formali li kellu mas-Sinjura Chircop kif ukoll mas-Sindku preżenti fejn ukoll ikkonferma illi dan l-istess MOU ħa jiġi ffirmat uffiċjalment flimkien ma' kunsill oħra li aċċettaw li jkunu parti minn din l-inizjattiva'. Fil-futur ħa jsiru laqgħat ta' informazzjoni fuq din il-kundizzjoni biex jqajmu awareness, talks informattivi, ħarġiet skedati għal nies li jbagħtu minn din il-kundizzjoni biex ir-raħal ikun iktar 'demensia friendly'.

### 2 Vince Bongailas

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu mall-kumitat tal-football fil-lokal fejn inbdew diskussjonijiet biex il-grawnd jinfetaħ għal pubbliku meta forsi ma jkunx qed jintuża' għat-taħriġ għal benefiċċju tan-nies li jkunu jixtiequ jagħmlu mixja fl-akkwati. Is-Sur Bongailas ukoll informa l-kunsill illi ser ikun qiegħed jorganizza xi attivitajiet abbinati ma' sports ser isiru wkoll f'dan l-istess grawnd.

## 4.7 Punti Ġenerali

### A Vince Bongailas

Is-Sur Bongialas qal illi waqt il-laqgħa li saret fl-uffiċini tal-kunsill aktar kmieni minn din is-seduta mal-każin tas-Sagra wieħed jista' jieħu ħsieb żewġ punti partikolari li tqajjmu:

- Trimming tas-siġar
- Dawl Pjazza Sagra Familja

Is-Sur Bongailas saħaq illi l-kunsill irid jara x'ħa jagħmel fuq il-ħajt fiż-żona ta' Villa Portelli.

Dan il-ħajt li waqa' wara l-maltemp li baqa' fi stat imwaqqa' wara 3 xhur. Huwa saħaq illi qed jidħlu ilmenti kbar. Is-Sindku qal illi din hija sitwazzjoni delikata illi l-Mcast m'għadomx responsabbli minn Villa Portelli. Is-Sindku sa din il-ġimgħa stess baqa' b'kuntatt b'mod personali fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku saħaq illi sa issa għad m'għandux konferma minn meta telqu huma min hu responsabbli sfortunatament jew min ser jieħu r-responsabbilta' ta' dan il-ħajt fost ħafna affarijiet oħra mitluqa nofs leħja hekk kif jgħid il-Malti. Is-Sindku kellem il-Ministru tal-edukazzjoni fuq din il-kwistjoni u saħaq li s-sitwazzjoni hija waħda kkumplikata u għamilha ċara li ser ikompli jikteb u jagħmel enfażi f'dak li hemm mitluq u perikoluż fil-lokal tagħna. Is-Sindku ser ikun qed jikteb formalment il-permsec tal-edukazzjoni. Is-Sinjura Sultana qalet illi la darba wara li jikteb is-Sindku formalment ma' tingħata l-ebda risposta hi qed tissuġġerixxi li ssir 'Press Conference' fuq dan ir-rigward.

**4.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:**

Is-Sinjura Sultana xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk hemmx ħjiel meta ż-żona ta' kostruzzjoni fi Triq Patist Borda kienet ser tingħalaq speċjalment il-gate tal-ħadid li tħalliet fuq il-post skapitu ta' ħafna abbużi.

Din il-mistoqsija ġiet imwieġba fil-punt diskuss qabel dan.

**4.9 Mozzjonijiet**

Is-Sur Christopher Bruno xtaq jgħaddi mozzjoni fuq :

Ir-risposta mogħtija mis-Sindku meta jkun hemm mistoqsija lilu waqt il-laqgħa tingħata wkoll lill-interpellant bil-miktub. Dan biex iservi ta' xhieda u prova li l-ilment imqajjem minn xi resident ikun tressaq quddiem il-kunsill kollu.

Is-Sindku qal illi r-risposti jkunu dejjem imniżżlin fil-minuti kif ukoll dawn l-istess minuti jiġu uploaded online kull xahar fejn il-pubbliku jkun jista' jarhom bla ebda problemi ta' xejn.

Ma ttieħed l-ebda vot mill-kunsill fuq din il-mozzjoni dan wara kunsens li kien hemm wara spjegazzjoni mis-Sindku t-tweġiebet dejjem ikunu fil-minuti li jkunu pubblikati online għal skapitu tal-pubbliku.

Fuq mozzjoni tas-Sinjura Speranza Chircop u sekondament ta' Maria Sultana għax-xahar ta' April il-laqgħa ser issir filgħodu b'vot unanimu mill-kunsill.

**4.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 4.23

**4.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata ghal-25 ta' Mejju 2023 fit 8:30 ta' filghodu.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv